MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**HAYMAN MIRIAM LL.D.**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2002

Numru 469/2002

**Illum 16 ta' Ottubru, 2002.**

**Il-Pulizija**
**(Sp. Mario Tonna)**

**vs**

**Paul Tabone ta' 43 sena, iben il-mejjet Saviour u l-mejta Censina nee Farrugia , mwieled Tas-Sliema fit-23 ta' Ottubru, 1958, u joqghod 188G, Flat 6, Triq Sant'Ursula l-Belt Valletta, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 727858 (M).**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Paul Tabone li gie akkuzat talli nhar il-1 ta' Gunju, 2001 ghall-habta ta' 4.00 a.m. waqt ku jueb gewwa d-Dragonara Casino li jinsab gewwa Triq Dragonara, Paceville, San giljan ikkommetta serq ta' Telefon Cellulari tal-marka 'Nokia' bin-numru tas-serie 350836/80/627534/06 ghad-dannu ta' Alfred Zahra mill-Mosta liema telefon bhala valur jammonta ghal Lm 70, liema serq huwa aggravat bil-hin u dan ai termini tal-artikolu 261 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Rat il-verbal tal-llum ta' l-Ufficjal Prosekutur dwar il-koperazzjoni ta' l-istess akkuzat a tempo vergine, rat l-art 261, 270 tal-kap 9.  Tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur mil-llum wara li rat l-art 9 tal-Kap 152.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.